KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SPIELMANN
ippreżentati fit-13 ta' Frar 2025 [1]

**Kawża C-743/24 [Alchaster II]** [i]

**Minister for Justice and Equality**
**vs**
**MA**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest – Konsenja – Emenda negattiva tas-sistema tal-ħelsien ikkundizzjonat fl-Istat emittenti – Riskju ta' ksur ta' dritt fundamentali – Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' legalità ta' reati u ta' pieni"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) hija l-ewwel kawża li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina l-kamp ta' applikazzjoni tan-nuqqas ta' retroattività ta' sanzjoni skont l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li hija r-raġuni għalfejn ser indur direttament għall-kawża prinċipali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB" jew il-"Qorti ta' Strasbourg"), jiġifieri, Del Río Prada vs Spanja [2]. Is-silta ewlenija ta' din is-sentenza taqra kif ġej:

"[…] il-miżuri meħuda mil-leġiżlatur, mill-awtoritajiet amministrattivi jew mill-qrati wara li tingħata l-piena definittiva jew matul l-eżekuzzjoni tal-piena jistgħu jwasslu għad-definizzjoni mill-ġdid jew għall-portata tas-'sanzjoni' imposta mill-qorti li tagħti s-sentenza. Meta dan iseħħ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-miżuri kkonċernati għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-applikazzjoni retroattiva tas-sanzjonijiet stabbilita fl-[Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-'KEDB'), iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950]. Fil-każ kuntrarju, l-Istati jkunu liberi – pereżempju billi jemendaw il-liġi jew billi jinterpretaw mill-ġdid ir-regolamenti stabbiliti – li jadottaw miżuri li jiddefinixxu mill-ġdid

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Ara s-sentenza tal-Qorti EDB, 21 ta' Ottubru 2013, Del Río Prada vs Spanja, (CE:ECHR:2013:1021JUD004275009, punt 89; iktar 'il quddiem is-"sentenza Del Río Prada vs Spanja").

b'mod retroattiv il-portata tas-sanzjoni imposta, għad-detriment tal-persuna kkundannata, meta din tal-aħħar ma setgħetx timmaġina tali żvilupp fil-mument tat-twettiq tar-reat jew tal-impożizzjoni tal-piena. F'tali ċirkustanzi, l-[Artikolu 7(1) tal-KEDB] jiġi mċaħħad minn kull effett utli għall-persuni kkundannati li l-portata tal-pieni tagħhom tkun ġiet mibdula *ex post facto* għad-detriment tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li tali bidliet għandhom jiġu distinti mill-bidliet magħmula lill-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-piena, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-[KEDB]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [3].

2. Din il-kwotazzjoni turi b'mod ċar u konċiż li jista' jkun diffiċli li ssir distinzjoni bejn l-impożizzjoni ta' piena u l-eżekuzzjoni tagħha. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta tiġi adottata sistema legali ġdida, allegatament relatata mal-eżekuzzjoni ta' piena li, essenzjalment, tikkonsisti fit-tiċħid ta' individwu mil-ħelsien tiegħu għal żmien itwal minn dak li kien ikun il-każ taħt ir-regoli preċedenti.

3. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court (il-Qorti Suprema) tkompli tesponi dawn id-diffikultajiet ta' delimitazzjoni. Hija tipprovdi iktar xhieda tal-fatt li, għalkemm l-Artikolu 7 tal-KEDB huwa "regola ta' ġustizzja sempliċi, regola li kull tifel jista' jifhem" [4] [traduzzjoni libera], kif deskritta b'mod xieraq ħafna minn Lord Bingham, illum deċedut, huwa iktar diffiċli li tali regola tiġi applikata għal ġabra speċifika ta' ċirkustanzi.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, ser insostni li ma huwiex faċli li tiġi ddeterminata d-delimitazzjoni bejn l-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sanzjoni u li din teħtieġ skrutinju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata fuq bażi ta' każ b'każ.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Il-KEDB

5. L-Artikolu 7 tal-KEDB huwa intitolat "L-ebda piena mingħajr liġi". L-ewwel paragrafu tiegħu huwa fformulat kif ġej:

"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."

### B. Id-dritt tal-Unjoni

6. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il-"FKK") [5] huwa ftehim ta' assoċjazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 217 TFUE [6] u l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija

[3] Ara s-sentenza Del Río Prada vs Spanja, punt 89.

[4] Ara Bingham, T., *The Rule of Law*, Penguin Books, Londra, 2011, p. 79.

[5] ĠU 2021, L 149, p. 10.

[6] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-[FKK], u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU 2021, L 149, p. 2).

Atomika[7]. Wara applikazzjoni provviżorja inizjali mill-1 ta' Jannar 2021[8], huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021, wara r-ratifika tiegħu mill-Unjoni Ewropea u mir-Renju Unit[9]. Il-FKK huwa magħmul minn seba' partijiet[10].

7. L-Artikolu 5 tal-FKK, intitolat "Drittijiet privati", jinsab fit-Titolu II[11] tal-Ewwel Parti[12] tal-FKK u huwa fformulat kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu SSC.67 tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali u bl-eċċezzjoni, fir-rigward tal-Unjoni, tat-Tielet Parti ta' dan il-Ftehim, xejn f'dan il-Ftehim jew f'xi ftehim supplimentari ma għandu jiġi interpretat li jagħti drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont il-liġi internazzjonali pubblika, jew li jippermetti li dan il-Ftehim jew xi ftehim supplimentari jiġu invokati direttament fis-sistemi ġuridiċi domestiċi tal-Partijiet.

2. Parti ma għandhiex tipprevedi dritt ta' azzjoni skont il-liġi tagħha kontra l-Parti l-oħra għax il-Parti l-oħra tkun aġixxiet bi ksur ta' dan il-Ftehim jew ta' xi ftehim supplimentari."

8. It-Tielet Parti tikkonċerna l-infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

9. L-Artikolu 524 tal-FKK, li jinsab fit-Titolu I[13] tat-Tielet Parti, intitolat "Il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali", huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-kooperazzjoni prevista f'din il-Parti hija bbażata fuq ir-rispett fit-tul tal-Partijiet u tal-Istati Membri għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u fuq l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet f'dik il-Konvenzjoni jingħataw effett domestikament.

2. Xejn f'din il-Parti ma jimmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji legali kif riflessi, b'mod partikolari, fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u, fil-każ tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, fil-[Karta]."

10. It-Titolu VII tat-Tielet Parti (Artikoli 596 sa 632), intitolat "Ċessjoni", jistabbilixxi reġim ta' konsenja bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kkompletati mill-Anness 43, li jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'mandat ta' arrest[14].

7 Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2020/2253 tad-29 ta' Diċembru 2020 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użu Sikur u Paċifiku tal-Enerġija Nukleari u l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-[FKK] (ĠU 2020, L 444, p. 11).

8 Ara l-Artikolu 783(2) tal-FKK.

9 Ara l-Artikolu 783(1) tal-FKK u l-Avviż dwar id-dħul fis-seħħ tal-[FKK] u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU 2021, L 149, p. 2560).

10 Dwar dispożizzjonijiet komuni u istituzzjonali (l-Ewwel Parti), dwar kummerċ, trasport, sajd u arranġamenti oħra (it-Tieni Parti), dwar infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (it-Tielet Parti), dwar il-kooperazzjoni tematika (ir-Raba' Parti), dwar parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, ġestjoni finanzjarja tajba u dispożizzjonijiet finanzjarji (il-Ħames Parti), dwar soluzzjoni ta' tilwim u dispożizzjonijiet orizzontali (is-Sitt Parti) u dwar dispożizzjonijiet finali (is-Seba' Parti).

11 Prinċipji ta' interpretazzjoni u ta' definizzjonijiet

12 Dispożizzjonijiet komuni u istituzzjonali.

13 Dispożizzjonijiet ġenerali.

14 Skont l-Artikolu 778(2)(r) tal-FKK, l-Anness 43 jifforma parti integrali mit-Titolu VII tat-Tielet Parti. Ara wkoll l-Artikolu 606 tal-FKK, dwar il-kontenut u l-forma tal-mandat ta' arrest.

11. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 599 tal-FKK, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"Soġġett għall-Artikolu 600, il-punti (b) sa (h) tal-Artikolu 601(1), u l-Artikoli 602, 603 u 604, Stat ma għandux jirrifjuta li jeżegwixxi mandat ta' arrest maħruġ fir-rigward tal-imġiba li ġejja fejn tali mġiba hija punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar:

(a) l-imġiba ta' kwalunkwe persuna li tikkontribwixxi għat-twettiq minn grupp ta' persuni li jaġixxu bi skop komuni ta' reat wieħed jew aktar fil-qasam tat-terroriżmu msemmi fl-Artikoli 1 u 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, magħmula fi Strasburgu fis-27 ta' Jannar 1977, jew fir-rigward ta' traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi, jew ta' omiċidju volontarju, ta' ħtif ta' persuna, ta' żamma illegali, ta' teħid ta' ostaġġi jew ta' stupru, anki meta dik il-persuna ma tiħux sehem fl-eżekuzzjoni proprja tar-reat jew tar-reati konċernati; tali kontribuzzjoni għandha tkun intenzjonata u ssir bl-għarfien li l-parteċipazzjoni ser tikkontribwixxi għall-kisba tal-attivitajiet kriminali tal-grupp; jew

(b) terroriżmu kif definit fl-Anness 45."

12. L-Artikolu 604(c) tal-FKK [15] jipprevedi li, "jekk ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm riskju reali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' titlob, kif xieraq, garanziji addizzjonali fir-rigward tat-trattament tal-persuna rikjesta wara l-konsenja tal-persuna qabel ma tiddeċiedi jekk teżegwixxix il-mandat ta' arrest".

13. L-Artikolu 613(2) tal-FKK jispeċifika li, "[j]ekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ssib li l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat emittenti ma tkunx biżżejjed biex hija tkun tista' tiddeċiedi dwar il-konsenja, hija għandha titlob li l-informazzjoni supplementari meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-[…] Artikolu 604 […], tiġi pprovduta b'urġenza u tista' tiffissa limitu ta' żmien biex tirċeviha […]".

## III. Il-proċeduri fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14. Inħarġu erba' mandati ta' arrest għal MA mid-District Judge of the Magistrates' Courts of Northern Ireland (United Kingdom) (l-Imħallef Distrettwali tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit) fis-26 ta' Novembru 2021 għal erba' reati terroristiċi [16], allegatament imwettqa bejn it-18 u l-20 ta' Lulju 2020. L-ewwel wieħed minn dawn ir-reati huwa punibbli bi priġunerija sa 10 snin, filwaqt li t-tliet reati l-oħra jistgħu jkunu s-suġġett ta' pieni għal għomor.

15. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Ottubru 2022 kif ukoll digrieti tal-24 ta' Ottubru u tas-7 ta' Novembru 2022, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) ordnat il-konsenja ta' MA lir-Renju Unit, filwaqt li rrifjutatlu l-awtorizzazzjoni sabiex jappella quddiem il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda).

[15] L-Artikolu 604 tal-FKK huwa intitolat "Garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat li joħroġ il-mandat f'każijiet partikolari".

[16] L-erba' reati huma (1) li wieħed ikun membru f'organizzazzjoni pprojbita, (2) li wieħed imexxi attivitajiet ta' organizzazzjoni involuta fit-twettiq ta' atti terroristiċi, (3) ir-reat ta' assoċjazzjoni sabiex wieħed imexxi l-attivitajiet ta' organizzazzjoni kkonċernata mit-twettiq ta' atti terroristiċi, u (4) il-preparamenti għat-twettiq ta' atti terroristiċi.

16. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2023, is-Supreme Court (il-Qorti Suprema) awtorizzat lil MA jappella minn din is-sentenza u minn dawn id-digrieti tal-High Court (il-Qorti Għolja).

17. MA jsostni li l-konsenja tiegħu lir-Renju Unit hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' legalità ta' reati u ta' pieni.

18. Il-qorti tar-rinviju tindika li, kieku MA kellu jiġi kkonsenjat fir-Renju Unit u kkundannat għal żmien ta' priġunerija, id-dritt tiegħu għal ħelsien ikkundizzjonat ikun irregolat mil-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit adottata wara t-twettiq allegat tar-reati li għalihom huwa s-suġġett ta' prosekuzzjoni kriminali.

19. Peress li l-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar in-neċessità li tiġi eżaminata l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta u, jekk ikun il-każ, dwar il-mod kif dan l-istħarriġ għandu jitwettaq mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni skont il-FKK u l-Karta, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja.

20. Fis-sentenza tagħha Alchaster[17], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 524(2) u l-Artikolu 604(c) tal-FKK, moqrija flimkien mal-Artikolu 49(1) tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, meta persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest maħruġ fuq il-bażi ta' dan il-ftehim tinvoka riskju ta' ksur ta' dan l-Artikolu 49(1) tal-Karta, fil-każ ta' konsenja lir-Renju Unit, minħabba emenda, sfavorevoli għal din il-persuna, tal-kundizzjonijiet ta' ħelsien ikkundizzjonat, li tkun seħħet wara t-twettiq preżunt tar-reat li fir-rigward tiegħu l-imsemmija persuna tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni kriminali, twettaq eżami awtonomu fir-rigward tal-eżistenza ta' dan ir-riskju qabel ma tagħti deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest, f'sitwazzjoni fejn din l-awtorità ġudizzjarja tkun diġà eskludiet ir-riskju ta' ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB billi tkun ibbażat ruħha fuq il-garanziji offruti, b'mod ġenerali, mir-Renju Unit f'dak li jirrigwarda l-osservanza tal-KEDB u fuq il-possibbiltà għall-istess persuna li tippreżenta rikors quddiem il-Qorti EDB. Fi tmiem dan l-eżami, din l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' arrest biss jekk, wara li tkun talbet, mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti, informazzjoni u garanziji supplimentari, hija jkollha informazzjoni oġġettiva, affidabbli, speċifika u debitament aġġornata li tistabbilixxi li jkun jeżisti riskju reali ta' emenda tal-portata nnifisha tas-sanzjoni mġarrba fil-jum tat-twettiq tar-reat inkwistjoni, li jimplika l-impożizzjoni ta' sanzjoni ikbar minn dik li kienet inizjalment prevista.

21. Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju, skont l-Artikolu 613(2) tal-FKK, talbet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li tkun applikabbli għal MA li kieku kien ikkundannat għal wieħed jew iktar mir-reati li għalihom qiegħed jiġi mħarrek. Id-District Judge of the Magistrates' Courts of Northern Ireland (l-Imħallef Distrettwali tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Irlanda ta' Fuq) wieġeb għal din it-talba fis-17 ta' Settembru 2024.

22. Wara din ir-risposta, il-qorti tar-rinviju tikkonferma li, fil-mument tat-twettiq tar-reati inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta ġiet imposta piena ta' priġunerija għal żmien determinat, il-qorti li imponiet din il-piena kienet obbligata tistabbilixxi "perijodu ta' ċaħda tal-libertà", li ma setax jaqbeż in-nofs tal-piena imposta, li fi tmiemha l-persuna li tkun wettqet ir-reat kellha tingħata l-ħelsien ikkundizzjonat. Fil-każ ta' piena għal għomor, ta' piena indeterminata li ċċaħħad il-libertà jew ta' piena estiża li ċċaħħad il-libertà, il-ħelsien ikkundizzjonat jista' jseħħ biss, fi tmiem

[17] Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 98 u d-dispożittiv).

perijodu determinat, jekk il-Parole Commissioners for Northern Ireland (United Kingdom) (il-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat għall-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit) iqisu li ż-żamma f'detenzjoni tal-persuna kkundannata ma kinitx neċessarja għall-protezzjoni tal-pubbliku.

23. Skont is-sistema tal-ħelsien ikkundizzjonat tal-Irlanda ta' Fuq applikabbli mit-30 ta' April 2021 'il quddiem, inklużi r-reati mwettqa qabel dik id-data, piena determinata li ċċaħħad il-libertà għal reat terroristiku speċifiku hija magħmula minn "żmien xieraq ta' ċaħda tal-libertà", kif iddeterminat mill-imħallef, b'perijodu addizzjonali ta' sena li matulu l-persuna kkundannata tibbenefika minn ħelsien ikkundizzjonat, li flimkien ma jistgħux jaqbżu ż-żmien massimu ta' priġunerija. Il-persuna tista' wkoll tibbenefika minn ħelsien ikkundizzjonat wara li tkun skontat żewġ terzi taż-"żmien xieraq ta' ċaħda tal-libertà", bil-kundizzjoni li l-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat jkunu konvinti li ż-żamma kontinwa tagħha f'detenzjoni ma hijiex neċessarja għall-protezzjoni tal-pubbliku.

24. Ir-regoli dwar il-ħelsien ikkundizzjonat ta' persuna kkundannata għal għomor priġunerija, għal piena indeterminata li ċċaħħad il-libertà jew għal piena estiża li ċċaħħad il-libertà ma humiex rilevanti fil-kawża ineżami, peress li l-qorti tar-rinviju ddikjarat li l-ilmenti ta' MA jirrigwardaw biss l-emenda tar-regoli dwar il-pieni determinati li jċaħħdu l-libertà.

25. Il-qorti tar-rinviju tqis li teżisti possibbiltà reali li MA jiġi kkundannat għal żmien determinat ta' priġunerija fil-każ ta' ritorn lejn ir-Renju Unit u li l-emenda inkwistjoni twassal sabiex il-persuni kkundannati għal tali priġunerija jibqgħu f'detenzjoni għal perijodu itwal. Hija tixtieq tkun taf jekk l-emenda, li għandha bħala effett li tneħħi sistema fejn il-ħelsien ikkundizzjonat kien awtomatiku, tistax tibqa' titqies li tirrigwarda biss l-infurzar tal-pieni jew jekk għandhiex titqies li tbiddel retroattivament il-portata nnifisha tal-piena.

26. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, permezz ta' digriet tat-22 ta' Ottubru 2024, li wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ottubru 2024, is-Supreme Court (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Meta persuna misjuba ħatja ta' reat wieħed jew iktar u kkundannata għal piena għal żmien determinat tkun suġġetta għal regoli emendati fis-sens li hija għandha tiskonta mill-inqas żewġ terzi ta' dik il-piena, u mbagħad tibbenefika biss minn dritt kundizzjonali għal ħelsien ikkundizzjonat, suġġett għal evalwazzjoni tal-perikolużità, filwaqt li, skont ir-regoli fis-seħħ fil-jum tat-twettiq tar-reati allegati, hija kienet tkun awtomatikament intitolata għal ħelsien ikkundizzjonat ladarba tkun skontat nofs l-imsemmija piena, għandu jiġi kkunsidrat li din il-persuna għandha tingħata 'piena ikbar' minn dik applikabbli fil-jum tat-twettiq tar-reati allegati, b'tali mod li jkun hemm ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?"

## IV. Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. Is-Supreme Court (il-Qorti Suprema) talbet li l-kawża ineżami tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28. L-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi li, fuq it-talba tal-qorti tar-rinviju jew, f'każijiet eċċezzjonali, *ex officio*, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista', wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, jiddeċiedi li rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jiġi suġġett għal proċedura mħaffa meta n-natura tal-kawża teżiġi li tiġi ttrattata kemm jista' jkun malajr [18].

29. Fis-26 ta' Novembru 2024, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li nstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, li jilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju sabiex din it-talba għal deċiżjoni preliminari tiġi suġġetta għal proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura [19]. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li d-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju tqajmet f'kawża li tikkonċerna persuna f'kustodja, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Barra minn hekk, ir-risposta għal din id-domanda jista' jkollha, fid-dawl tan-natura tad-domanda u taċ-ċirkustanzi li fihom tqajmet, effett fuq iż-żamma f'detenzjoni tal-persuna kkonċernata [20].

30. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxa t-terminu għall-preżentata tal-osservazzjonijiet bil-miktub għall-10 ta' Diċembru 2024. Skont l-Artikolu 105(2) tar-Regoli tal-Proċedura, id-data tas-seduta ġiet iffissata għall-21 ta' Jannar 2025.

31. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Gvern tar-Renju Unit [21]. Il-partijiet kollha pparteċipaw fis-seduta msemmija iktar 'il fuq.

## V. Evalwazzjoni

32. Din hija t-tieni darba f'sitt xhur li l-qorti tar-rinviju għamlet rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-istess kawża fil-livell nazzjonali: l-awtoritajiet Irlandiżi ma humiex ċerti dwar jekk persuna li allegatament wettqet sensiela ta' reati tistax tiġi kkonsenjata lir-Renju Unit skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-FKK.

33. Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Lulju 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 524(2) u l-Artikolu 604(c) tal-FKK għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest tinvoka riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta fil-każ ta' konsenja lejn ir-Renju Unit, minħabba emenda, sfavorevoli għal din il-persuna, tal-kundizzjonijiet ta' ħelsien ikkundizzjonat, li seħħet wara t-twettiq allegat tar-reat li għalih l-imsemmija persuna hija s-suġġett ta' prosekuzzjoni kriminali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq eżami indipendenti tal-eżistenza ta' dan ir-riskju qabel ma tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest [22]. Fi tmiem dan l-eżami, din l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta li teżegwixxi dan il-mandat ta' arrest biss jekk, wara li tkun talbet informazzjoni u

18 Barra minn hekk, meta kawża tqajjem inċertezzi serji li jikkonċernaw kwistjonijiet fundamentali tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni, jista' jkun meħtieġ, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' tali kawża, li din tiġi ttrattata f'qasir żmien. Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:851, punt 10 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2024, MA (C-743/24, EU:C:2024:983).

20 Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2024, MA (C-743/24, EU:C:2024:983, punt 8).

21 Bħal fil-kawża li tat lok għas-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649), ir-Renju Unit għandu d-dritt jintervjeni f'din il-kawża. Għal iktar dettalji, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:559, punt 30 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 19).

22 Dan jinkludi sitwazzjoni li fiha din l-awtorità ġudizzjarja diġà eskludiet ir-riskju ta' ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB billi invokat il-garanziji offruti b'mod ġenerali mir-Renju Unit fir-rigward tal-osservanza tal-KEDB u l-possibbiltà għal din il-persuna li tippreżenta rikors quddiem il-Qorti EDB. Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 98).

garanziji supplimentari mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti, hija jkollha informazzjoni oġġettiva, affidabbli, speċifika u debitament aġġornata li tistabbilixxi l-eżistenza ta' riskju reali ta' emenda tal-portata attwali tas-sanzjoni prevista fil-jum li fih twettaq ir-reat inkwistjoni, li jinvolvi l-impożizzjoni ta' sanzjoni ikbar minn dik inizjalment prevista [23].

34. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal dan li ġej: (1) il-ġurisprudenza konsistenti tagħha li tgħid li dan l-artikolu jinkludi, tal-inqas, l-istess garanziji bħal dawk previsti fl-Artikolu 7 tal-KEDB, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta bħala limitu minimu ta' protezzjoni [24]; u (2) il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti EDB li tgħid li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-KEDB, għandha ssir distinzjoni bejn miżura li essenzjalment tikkostitwixxi "sanzjoni" u miżura li tikkonċerna l-"eżekuzzjoni" jew l-"infurzar" tas-sanzjoni. Għalhekk, meta n-natura u l-għan ta' miżura jirrigwardaw it-tnaqqis ta' piena jew bidla fis-sistema ta' ħelsien ikkundizzjonat, din ma tifformax parti mis-"sanzjoni" fis-sens tal-Artikolu 7 tal-KEDB [25].

35. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li miżura dwar l-eżekuzzjoni ta' piena hija inkompatibbli mal-Artikolu 49(1) tal-Karta biss jekk hija temenda retroattivament il-portata nnifisha tas-sanzjoni prevista fil-jum li fih twettaq ir-reat inkwistjoni, u b'hekk twassal għall-impożizzjoni ta' sanzjoni ikbar minn dik inizjalment prevista. Għalkemm dan ma huwiex, fi kwalunkwe każ, il-każ meta din il-miżura sempliċiment ittawwal il-limitu ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat, dan jista' jkun differenti, b'mod partikolari, jekk l-imsemmija miżura tħassar essenzjalment il-possibbiltà ta' ħelsien ikkundizzjonat jew jekk hija tifforma parti minn sensiela ta' miżuri li għandhom l-effett li jżidu l-gravità intrinsika tal-piena inizjalment prevista [26].

36. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "piena akbar" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkopri sitwazzjoni fejn id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw sistema tal-ħelsien ikkundizzjonat jkunu ġew emendati sabiex jipprevedu li dritt awtomatiku għall-ħelsien ikkundizzjonat, ladarba l-ewwel nofs ta' piena imposta tkun ġiet skontata, ikun ġie ssostitwit bi dritt għall-ħelsien ladarba mill-inqas żewġ terzi tal-piena imposta jkunu ġew skontati. Dan il-ħelsien jiddependi fuq evalwazzjoni magħmula mill-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat.

## A. L-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' piena

37. Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li, minbarra l-mekkaniżmu ta' konsenja stabbilit mill-FKK [27], ma teżistix armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-kunċetti li ser nelabora dwarhom. Dawn il-kunċetti jinsabu kollha, f'forma jew oħra, f'kull dritt nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni.

23 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 98).

24 *Ibid.*, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 *Ibid.*, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata tal-Qorti EDB.

26 *Ibid.*, punt 97.

27 Il-FKK huwa ispirat ħafna mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:559, punt 63 *et seq.*).

Madankollu, minħabba nuqqas ta' armonizzazzjoni, il-kunċetti u d-dettalji inevitabbilment ivarjaw bejn l-Istati Membri. Id-diskussjoni li ġejja hija għalhekk tentattiv sabiex jinġabru fil-qosor u jiġu spjegati kunċetti komuni għal kwalunkwe sistema tad-dritt kriminali.

38. Il-kawża ineżami tirrigwarda d-differenza bejn l-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni [28] ta' sanzjoni.

39. Il-leġiżlazzjoni kriminali tipprevedi sensiela ta' sanzjonijiet, fejn l-iktar waħda drakonjana hija ċ-ċaħda tal-libertà fil-forma ta' piena ta' priġunerija. Tali piena hija imposta minn qorti [29] wara proċess pubbliku u tesprimi d-diżapprovazzjoni pubblika tal-att, u b'hekk tikkontribwixxi għall-osservanza tal-liġi. Hija twassal għal restrizzjoni sinjifikattiva tad-drittijiet tal-persuna li tkun wettqet ir-reat u għandha, għaldaqstant, tkun proporzjonata mal-gravità tar-reat u mal-ħtija [30]. L-għan ta' din is-sanzjoni huwa multiplu u ġeneralment jaqa' taħt diversi kategoriji, bħall-piena [31], id-dissważjoni [32] u r-riabilitazzjoni [33].

40. B'kuntrast ma' dan, l-eżekuzzjoni ta' piena tirreferi għall-proċess tat-twettiq jew tal-infurzar ta' żmien ta' priġunerija impost minn qorti. Is-sistemi ta' eżekuzzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ordinament ġuridiku għal ieħor [34]. L-eżekuzzjoni tal-pieni tista' tinkludi l-ammissjoni fil-ħabs, id-dettalji dwar il-priġunerija u l-ġestjoni tal-pieni.

41. Filwaqt li, tradizzjonalment, l-eżekuzzjoni ta' sanzjoni kienet vestita fl-eżekuttiv [35], l-ordinamenti ġuridiċi jvarjaw dwar il-kwistjoni speċifika ta min jieħu d-*deċiżjoni* dwar il-ħelsien mill-ħabs: f'uħud, id-deċiżjoni trid bilfors tittieħed minn imħallef [36], filwaqt li f'oħrajn dan jiġi żgurat mill-eżekuttiv [37]. F'xi Stati Membri hemm sistema ibrida li fiha, fir-rigward ta' ċerti reati, il-poter eżekuttiv jiddeċiedi, bi qbil ma' parti mill-ġudikatura [38].

[28] F'dawn il-konklużjonijiet, ser nuża t-termini "eżekuzzjoni" u "infurzar" bħala sinonimi.

[29] Dan huwa ta' spiss previst fil-kostituzzjoni ta' Stat. Ara, bħala eżempju, l-Artikolu 92 tal-Grundgesetz für die Bundesrepublik Deutschland (il-Liġi Fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja) kif ukoll is-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja) tas-6 ta' Ġunju 1967, 2 BvR 375/60, 53/60 u 18/65.

[30] Ara, f'dan is-sens, Jescheck, H.-H. u Weigend, T., *Lehrbuch des Strafrechts, Allgemeiner Teil*, il-ħames edizzjoni, Duncker & Humblot, Berlin, 1996, p. 13.

[31] B'hekk din isservi bħala retribuzzjoni għall-ksur imwettaq, li tiżgura li l-persuna li tkun wettqet ir-reat tiffaċċja l-konsegwenzi.

[32] B'hekk, din tiskoraġġixxi kemm lill-persuna individwali li tkun wettqet ir-reat (dissważjoni speċifika) milli twettaq reati ġodda kif ukoll lill-pubbliku ġenerali (dissważjoni ġenerali) milli jwettqu xi forma ta' reat.

[33] B'hekk hija intiża sabiex tgħin lill-persuni li jkunu wettqu r-reat sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jintegraw ruħhom mill-ġdid fis-soċjetà, f'ħajja ħielsa mill-kriminalità.

[34] Ara Höffler, K. u Padfield, N., "The implementation of sentences", f'Ambos, K., Duff, A., Heinze, A., Roberts, J., u Weigend, T., *Core Concepts in Criminal Law and Criminal Justice, Volume II*, Cambridge University Press, 2022, p. 349 sa 391, f'p. 379.

[35] Ara Tulkens, F. u van de Kerchove, M., *Introduction au droit penal. Aspects juridiques et criminologiques*, it-tmien edizzjoni, Wolters, Waterloo, 2007, p. 595. Ara wkoll Spielmann, A., "L'exécution des peines – un éternel problème", f'*Diagonales à travers le droit luxembourgeois, Livre jubilaire de la Conférence Saint-Yves 1946-1986*, Imprimérie Saint-Paul, Luxembourg, 1986, p. 831 sa 846, f'p. 839, ippubblikat mill-ġdid f'Spielmann, D. (editur), *Au diapason des Droits de l'Homme. Ecrits choisis (1975-2003)*, Bruylant, Brussels, 2006, p. 151 sa 167, f'p. 159.

[36] Ikkunsidra, pereżempju, il-Belġju (Titolu V, Kapitolu II, tal-Loi relative au statut juridique externe des personnes condamnées à une peine privative de liberté et aux droits reconnus à la victime dans le cadre des modalités d'exécution de la peine tas-17 ta' Mejju 2006: Tribunal de l'application des peines) jew il-Ġermanja (il-punt 462a tal-iStrafprozeßordnung (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali): Strafvollstreckungskammer (l-Awla Kriminali Inkarigata mill-Infurzar tal-Pieni)).

[37] Dan huwa l-każ fir-Renju Unit, kif ser naraw f'iktar dettall iktar 'il quddiem. Għal ħarsa ġenerali komparattiva sħiħa, ara van Kalmthout, A.M. u Tak, P.J.P., *Sanctions-Systems in the Member-States of the Council of Europe. Deprivation of liberty, community service and other substitutes. Part I* (1988) u *Part II* (1992), Kluwer Law International, Deventer. Ara wkoll Pradel, J., *Droit pénal comparé*, ir-raba' edizzjoni, Dalloz, 2016, § 558.

[38] Ara, pereżempju, il-Lussemburgu (l-Artikolu 669 *et seq.* tal-Code de procedure pénale (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali)), fejn il-prosekutur ġenerali jew, jekk ikun il-każ, il-prosekutur ġenerali fuq parir ta' kumitat, li jinkludi, minbarra l-prosekutur ġenerali, żewġ maġistrati tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, jistgħu jieħdu d-deċiżjoni.

42. Għalkemm id-distinzjoni bejn l-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni hija relattivament sempliċi fit-teorija, id-differenza hija fid-dettall u kultant huwa diffiċli li tiġi stabbilita linja bejn l-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni [39], kif ser nipprova nuri permezz ta' tliet eżempji konċiżi: sentenza sospiża, sentenza ridotta u ħelsien bikri mill-ħabs.

43. L-ewwel nett, qorti tista', fil-mument tal-kundanna, tiddeċiedi li tissospendi piena, li tippermetti lill-persuna kkundannata tevita li tiskonta ż-żmien fil-ħabs, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet. Dan huwa b'mod partikolari u ġeneralment il-każ għall-pieni fejn l-ispettru tas-sanzjonijiet huwa qasir, meta ma jeżistix preċedent sinjifikattiv jew riskju sinjifikattiv ta' reċidività, jew fil-każ ta' pronjożi soċjali pożittiva.

44. It-tieni nett, it-tul ta' piena jista' jitqassar uffiċjalment wara li tkun ġiet imposta l-piena. Dan jissejjaħ tnaqqis (jew remissjoni) tal-piena. Bħala regola ġenerali, dan jista' jirriżulta minn appell, maħfra, amnestija jew, sempliċement, minn emenda leġiżlattiva jew saħansitra minn ġurisprudenza. Jekk tingħata, il-piena l-ġdida li tkun iqsar issir it-tul uffiċjali.

45. It-tielet kategorija tikkonċerna sistemi ta' ħelsien bikri mill-ħabs. Hawnhekk, il-piena (oriġinali), b'mod partikolari t-tul tagħha, ma tinbidilx. Minflok, il-ħabsi jkun awtorizzat jiskonta l-bqija tal-piena barra mill-ħabs, taħt ċerti kundizzjonijiet. Hija tikkostitwixxi fażi tranżitorja bejn sistema ta' ħabs (b'ċaħda tal-libertà) u libertà totali [40]. Tali ħelsien bikri jista' jkun awtomatiku jew suġġett għal imġiba tajba jew progress fir-riabilitazzjoni.

46. B'mod ġenerali, hemm kunsens dwar il-fatt li s-sospensjoni (l-ewwel eżempju) tirreferi għall-impożizzjoni ta' piena, filwaqt li l-ħelsien bikri mill-kustodja (it-tielet eżempju) jikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' piena. It-tnaqqis tal-piena (it-tieni eżempju) ġeneralment jitqies li jirreferi għall-impożizzjoni ta' piena, peress li t-tul tal-piena jitqassar uffiċjalment. Madankollu, f'ċerti ordinamenti ġuridiċi, din hija interpretata bħala li tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' piena, għaliex it-tqassir tal-piena jseħħ wara l-kundanna. Is-sentenza f'Del Río Prada vs Spanja, li ser nindirizza iktar 'il quddiem, taqa' taħt din l-aħħar kategorija.

## B. Il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività (Artikolu 7(1) tal-KEDB u Artikolu 49 tal-Karta)

### *1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

47. Stat taħt l-Istat tad-dritt għandu jipproteġi lill-individwu mhux biss permezz tad-dritt kriminali, iżda wkoll mid-dritt kriminali [41]. Għalhekk, kull sistema ġuridika għandha, minn naħa, tipprevedi metodi u mezzi xierqa ta' prevenzjoni tal-kriminalità u, min-naħa l-oħra, timponi wkoll restrizzjonijiet fir-rigward tal-użu tas-setgħa kriminali sabiex iċ-ċittadini ma jkunux esposti għal azzjoni arbitrarja jew eċċessiva min-naħa tal-Istat. Wieħed mill-prinċipji li jippermettu li jiġi żgurat dan huwa l-prinċipju ta' legalità. Dan iservi sabiex tiġi evitata piena arbitrarja u inkalkolabbli mingħajr liġi jew fuq il-bażi ta' liġi indefinita jew retroattiva.

[39] Ara wkoll Kadelbach, S., "Kapitel 15: Keine Strafe ohne Gesetz", f'Dörr, O., Grote, R., u Marauhn, T. (edituri), *EMRK/GG Konkordanzkommentar*, it-tielet edizzjoni, Mohr Siebeck, Tübingen, 2022, punt 37.

[40] Ara Spielmann, D. u Spielmann, A., *Droit pénal général luxembourgeois*, it-tieni edizzjoni, Bruylant, Brussell, 2004, p. 576.

[41] Ara Roxin, C., *Strafrecht Allgemeiner Teil, Band I*, ir-raba' edizzjoni, C.H. Beck, Munich, 2006, § 5 A, punt 1.

48. Il-prinċipju ta' legalità jista' jinqasam f'erba' subprinċipji oħra [42]: il-projbizzjoni tal-analoġija [43], il-projbizzjoni tad-dritt konswetudinarju bħala li jikkostitwixxi jew iżid sanzjoni [44], il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività [45] u l-projbizzjoni ta' liġijiet kriminali li ma humiex speċifiċi [46].

49. Il-prinċipju ta' legalità jinsab fl-Artikolu 49(1) tal-Karta, li jipprevedi li ħadd ma għandu jiġi kkundannat għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kinitx reat kriminali skont il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali.

50. B'mod simili, lanqas ma għandha tingħata sanzjoni ikbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun twettaq. Jekk, wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprevedi sanzjoni eħfef, din għandha tapplika.

51. Dawn id-drittijiet huma, bħala drittijiet fundamentali, ġuridikament infurzabbli [47].

52. L-Artikolu 49(1) tal-Karta huwa prinċipalment ibbażat [48] fuq l-Artikolu 7 tal-KEDB, li huwa parzjalment ifformulat b'mod identiku [49]. Huwa għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi, tal-inqas, l-istess rekwiżiti bħal dawk li jirriżultaw mill-Artikolu 7 tal-KEDB [50]. Dan huwa kkonfermat mill-ispjegazzjonijiet (mhux vinkolanti) relatati mal-Karta [51].

53. L-Artikolu 7 tal-KEDB huwa dispożizzjoni kardinali fi ħdan il-Konvenzjoni [52] u jikkostitwixxi element indispensabbli tal-Istat tad-dritt. Ma hija permessa l-ebda deroga mill-Artikolu 15 tal-KEDB [53].

42 Ara, dwar din id-distinzjoni, Roxin, C., *Strafrecht Allgemeiner Teil, Band I*, ir-raba' edizzjoni, C.H. Beck, Munich, 2006, § 5 B, punt 7 *et seq*.

43 *Nullum crimen, nulla poena sine lege stricta.*

44 *Nullum crimen, nulla poena sine lege scripta.*

45 *Nullum crimen, nulla poena sine lege praevia.*

46 *Nullum crimen, nulla poena sine lege certa.*

47 Ara Lemke, S., f'von der Groeben, H., Schwarze, J. u Hatje, A. (edituri), *Europäisches Unionsrecht (Kommentar), Band 1*, is-seba' edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2015, Art. 49 GRC, punt 2.

48 Il-formulazzjoni tal-ewwel żewġ sentenzi tal-Artikolu 49(1) tal-Karta hija essenzjalment identika għal dik tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

49 Huwa fformulat ukoll fuq l-Artikolu 15 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; ara Spjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 49 – Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni, li jinsabu fi Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17). Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(3) tal-Karta, l-ispjegazzjonijiet ġew elaborati sabiex jiggwidaw l-interpretazzjoni tal-Karta u għandhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni kemm mill-Qrati tal-Unjoni kif ukoll mill-qrati tal-Istati Membri.

50 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Ara Spjegazzjoni dwar l-Artikolu 52 – Ambitu u interpretazzjoni tad-drittijiet u tal-prinċipji, li tinsab fi Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

52 Ara wkoll, f'dan is-sens, Scalia, D., "L'application du principe de légalité des peines aux crimes (les plus) graves: l'orthodoxie retrouvée", f'*Revue trimestrielle des droits de l'homme*, Vol. 25, Nru 99, Brussell, 2014, p. 689 sa 715, f'p. 714.

53 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-Qorti EDB, 22 ta' Novembru 1995, C.R. vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1995:1122JUD002019092, punt 32); Qorti EDB, 22 ta' Novembru 1995, S.W. vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1995:1122JUD002016692, punt 34); u Qorti EDB, 12 ta' Frar 2008, Kafkaris vs Ċipru (CE:ECHR:2008:0212JUD002190604, punt 137).

54. Dan iwassalni għall-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, invokata għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta. Fil-fatt, teżisti ġurisprudenza soda ta' din il-qorti fil-qasam ta' nuqqas ta' retroattività [54], jiġifieri t-tieni sentenza tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB, li tipprevedi li ma tista' tingħata ebda *sanzjoni* ikbar minn dik li kienet applikabbli fil-mument meta twettaq ir-reat.

55. Skont il-ġurisprudenza tradizzjonali u stabbilita tal-Qorti ta' Strasbourg, għalkemm is-sanzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB, dan ma huwiex il-każ għall-eżekuzzjoni ta' din is-sanzjoni [55].

56. Inċidentalment, dan l-istess approċċ ġie adottat mill-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, li huwa l-korp ta' monitoraġġ tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi [56], filwaqt li, fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali wkoll, il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività japplika tipikament għas-sanzjonijiet biss u mhux għall-eżekuzzjoni tagħhom [57].

## *2. Is-sistema inkwistjoni*

57. Dan iwassalna għall-kawża ineżami u għall-kwistjoni dwar jekk il-miżuri inkwistjoni jikkonċernawx is-sanzjoni nnifisha jew l-eżekuzzjoni ta' sanzjoni. Sabiex jiġi ddeterminat dan il-punt, huwa essenzjali li jitfakkru l-karatteristiċi ta' dawn il-miżuri.

58. Naturalment, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, fil-kawża ineżami, jeżistix riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta fil-każ tal-konsenja ta' MA lir-Renju Unit [58]. Barra minn hekk, qegħdin nittrattaw għadd konsiderevoli ta' inċertezzi, peress li għad ma hemmx kundanna u l-konsenja ta' MA qiegħda tintalab fir-rigward tat-twettiq tal-allegati reati. Fil-preżent ma jistax ikun magħruf jekk, fil-każ ta' kundanna, huwiex ser jiġi impost żmien ta' priġunerija jew għomor priġunerija bħala sanzjoni. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, dan kollu huwa irrilevanti, peress li d-domanda tal-qorti tar-rinviju tirreferi espliċitament għal sentenza partikolari. Konsegwentement, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina l-leġiżlazzjoni emendata fir-rigward tal-pieni speċifiċi (biss).

[54] Madankollu, huwa interessanti li wieħed jinnota li, fir-rikorsi tagħhom quddiem il-Qorti EDB, huwa ħafna iktar frekwenti li l-individwi jibbażaw l-argumenti tagħhom fuq allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB, għall-kuntrarju tal-Artikoli 5 (id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà), 6 (dritt għal smigħ xieraq) jew 8 (dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) tal-KEDB. Ara, f'dan ir-rigward, Sanz-Caballero, S., "The principle of *nulla poena sine lege* revisited: The retrospective application of criminal law in the eyes of the European Court of Human Rights", f'*European Journal of International Law*, Vol. 28, Nru 3, 2017, p. 787 sa 817, f'p. 789. Sanz-Caballero tenfasizza wkoll li l-ftit kawżi li fihom il-Qorti EDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB "ta' spiss kienu notorji u ġġeneraw allarm soċjali" [traduzzjoni libera].

[55] Ara d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-3 ta' Marzu 1986, Hogben vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1986:0303DEC001165385), u tat-28 ta' Frar 1996, Hosein vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1996:0228DEC002629395). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti EDB tad-29 ta' Novembru 2005, Uttley vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2005:1129DEC003694603), u s-sentenza tal-Qorti EDB tat-12 ta' Frar 2008, Kafkaris vs Ċipru (CE:ECHR:2008:0212JUD002190604, punt 142).

[56] L-Artikolu 15 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi jinkludi projbizzjoni ta' applikazzjoni retroattiva tad-dritt kriminali. F'dan il-każ, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem ippreċiża li l-introduzzjoni retroattiva tal-ħelsien ikkundizzjonat b'superviżjoni obbligatorja ma kinitx ikkunsidrata bħala sanzjoni fis-sens tal-Artikolu 15 iċċitat iktar 'il fuq, iżda pjuttost bħala miżura ta' għajnuna soċjali intiża sabiex tiżgura l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuna li tkun wettqet ir-reat. Ara A. R. S. vs Kanada, Komunikazzjoni Nru 91/1981, Dok tan-N.U. CCPR/C/OP/1 sa 29 (1984), punt 5.3, disponibbli fuq: https://juris.ohchr.org/casedetails/438/en-US. Għalhekk, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjara l-komunikazzjoni bħala inammissibbli. Għal diskussjoni kritika, ara Schabas, W.A., *U.N. International Covenant on Civil and Political Rights. Nowak's CCPR Commentary*, it-tielet edizzjoni, N.P. Engel Verlag, Kehl, 2019, Art. 15 CCPR, punt 13.

[57] Ara, pereżempju, Merle, R. u Vitu, A., *Traité de droit criminel, Tome I*, is-seba' edizzjoni, Éditions Cujas, Pariġi, 1997, punt 282, u Kuty, F., *Principes généraux du droit pénal belge*, Éditions Larcier, Brussell, 2007, punti 482 u 506.

[58] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:559, punt 81).

59. Dan premess, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u fid-dawl tal-fatt li l-qorti tar-rinviju evidentement teħtieġ gwida dwar dan is-suġġett, kif jixhed il-fatt li hija (reġgħet) għamlet id-domanda tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli li jiena ninsab f'pożizzjoni li niggwida lill-qorti tar-rinviju f'dan l-istadju.

### *a) Il-kontenut tar-regoli l-ġodda*

60. Fil-mument tat-twettiq tar-reati inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta ġiet imposta piena ta' priġunerija għal żmien determinat, il-qorti li timponi din il-piena kienet obbligata tistabbilixxi "perijodu ta' ċaħda ta' libertà", li ma setax jaqbeż in-nofs tal-piena imposta, li fi tmiemha l-persuna li tkun wettqet ir-reat kellha – awtomatikament – tinħeles b'mod ikkundizzjonat [59]. Is-Segretarju tal-Istat għall-Irlanda ta' Fuq kellu l-obbligu li jeħles ħabsi li jkun wettaq il-perijodu ta' ċaħda ta' libertà rilevanti [60].

61. Skont ir-regoli l-ġodda, persuna kkundannata issa hija suġġetta għal piena determinata li ċċaħħad il-libertà għal żmien ekwivalenti għat-total taż-"żmien xieraq ta' ċaħda tal-libertà", b'perijodu addizzjonali ta' sena li għalih il-persuna li tkun wettqet ir-reat għandha tkun suġġetta għal kundizzjoni. Dan iż-żmien totali ma jistax jeċċedi ż-żmien massimu ta' priġunerija applikabbli (għall-finijiet tal-kawża ineżami: 10 snin) [61]. Iż-"żmien xieraq ta' ċaħda tal-libertà" huwa dak iż-żmien li, fil-fehma tal-qorti, jiżgura li l-piena tkun xierqa. Wara li tkun eżegwixxiet żewġ terzi ta' dan iż-żmien, il-persuna li tkun wettqet ir-reat tista' tinħeles b'kundizzjoni taħt id-direzzjoni mill-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat, sakemm dawn il-kummissarji jkunu ssodisfatti li ma huwiex iktar neċessarju għall-protezzjoni tal-pubbliku li l-ħabsi jinżamm detenut [62].

62. Għalhekk, hemm żewġ bidliet distinti li ġew introdotti mir-regoli l-ġodda: l-ewwel, il-possibbiltà ta' ħelsien ikkundizzjonat ġiet posposta minn nofs taż-żmien tal-piena għal mill-inqas żewġ terzi ta' dan iż-żmien, peress li dejjem għandu jkun hemm mill-inqas sena, l-aħħar sena, fejn il-persuna kkonċernata tinħeles, suġġetta għall-kundizzjoni. It-tieni, sistema ta' rilaxx awtomatiku ġiet issostitwita b'sistema kkundizzjonata, li fiha l-intervent tal-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat huwa neċessarju.

63. Għandu jiżdied ukoll li, kif indikat mill-qorti tar-rinviju [63], billi rreferiet għal sentenza rilevanti tas-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) [64], l-għan iddikjarat tal-emenda ta' dan l-att huwa li jiġi protett il-pubbliku billi jintemm il-ħelsien bikri u awtomatiku tat-terroristi li jkunu wettqu r-reat u billi jiġi mdewwem l-iktar mument bikri li fih dawn il-persuni li jkunu wettqu r-reat ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għall-ħelsien.

59 Ara l-Artikolu 8 tal-Criminal Justice (Northern Ireland) Order 2008 (id-Digriet tal-2008 dwar il-Ġustizzja Kriminali (l-Irlanda ta' Fuq)), kif irriprodott mill-qorti tar-rinviju fil-punti 17 u 18 tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Fil-każ ta' piena għal għomor, ta' piena indeterminata li ċċaħħad il-libertà jew ta' piena estiża li ċċaħħad il-libertà, il-ħelsien ikkundizzjonat jista' jseħħ biss, fi tmiem perijodu determinat, sakemm il-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat (ir-Renju Unit) iqisu li d-detenzjoni kontinwa tal-persuna kkundannata ma kinitx neċessarja għall-protezzjoni tal-pubbliku.

60 Ara l-Artikolu 17 tal-Criminal Justice (Northern Ireland) Order 2008 (id-Digriet tal-2008 dwar il-Ġustizzja Kriminali (l-Irlanda ta' Fuq)), kif irriprodott mill-qorti tar-rinviju fil-punti 17 u 18 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

61 Ara l-punt 22 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

62 Ara l-punt 22 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

63 Ara l-punt 21 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

64 Ara s-sentenza tas-Supreme Court of the United Kingdom tad-19 ta' April 2023, Morgan *et* vs Ministry of Justice, [2023] UKSC 14, [2024] AC 130, punt 69, disponibbli fuq https://www.supremecourt.uk/cases/uksc-2022-0056.

### *b) Argumenti tal-partijiet*

64. MA isostni, essenzjalment, li l-kunċett ta' "ħassir" tal-possibbiltà ta' ħelsien bikri msemmi fis-sentenza Alchaster [65] tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jinftiehem bħala li jirreferi mhux biss għall-eliminazzjoni ta' kull possibbiltà ta' ħelsien ikkundizzjonat fi kwalunkwe stadju tal-infurzar ta' piena ta' priġunerija, iżda wkoll għal ħelsien awtomatiku inizjalment previst fi stadju partikolari ta' dan l-infurzar. Barra minn hekk, skont MA, l-emendi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom l-effett li jżidu l-gravità intrinsika tal-piena mġarrba. Huwa jsostni li dawn l-emendi jżidu element punittiv.

65. L-Irlanda, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni huma tal-fehma opposta. Huma jenfasizzaw li s-sanzjonijiet baqgħu l-istess, jiġifieri priġunerija għal massimu ta' 10 snin. Il-modifika tal-kundizzjonijiet għal ħelsien bikri hija, fis-sottomissjoni tagħhom, eżempju tipiku ta' miżura relatata mal-infurzar ta' piena. Barra minn hekk, il-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat ma għandhomx is-setgħa li jestendu jew inaqqsu l-piena imposta.

### *c) Analiżi*

66. Nammetti li għandna quddiemna każ ambigwu fejn ir-risposta korretta ma hijiex evidenti b'mod ċar. Għandi nindirizza bir-reqqa l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti EDB [66] qabel ma nkun f'pożizzjoni li nipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bi proposta għal tweġiba.

#### *1) Il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB*

67. Il-punt tat-tluq tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti ta' Strasbourg huwa li l-kunċett ta' "sanzjoni" għandu portata awtonoma [67]. Sussegwentement, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti EDB konsistentement tistabbilixxi distinzjoni bejn miżura li tikkostitwixxi sanzjoni fiha nnifisha u miżura li tikkonċerna l-infurzar tas-sanzjoni.

##### *i) Kawżi preċedenti għas-sentenza Del Río Prada vs Spanja*

68. Fid-deċiżjoni Hogben, kawża ta' għomor priġunerija bħala piena obbligatorja għal omiċidju, ir-regoli kienu tali li l-persuna kkonċernata, meta ma kinitx għadha meqjusa bħala perikoluża, setgħet tiġi ttrasferita minn ħabs magħluq għal ħabs miftuħ bil-prospett raġonevoli li tinħeles fi żmien sentejn b'applikazzjoni ta' dan it-trasferiment. Is-Sur Hogben ġie ttrasferit f'ħabs miftuħ wara li skonta 13-il sena ta' piena. Matul dan il-perijodu, ir-regoli dwar il-ħelsien ikkundizzjonat ġew mibdula. Il-ministru responsabbli [68] ħabbar politika ta' ħelsien ikkundizzjonat ġdida lil konferenza tal-partit politiku tiegħu. L-għan iddikjarat kien li jiġi eskluż il-ħelsien ikkundizzjonat qabel 20 sena f'detenzjoni għall-"omiċidji ta' uffiċjali tal-pulizija jew tal-ħabs, omiċidji terroristiċi, omiċidji sesswali jew sadistiċi tat-tfal u omiċidji b'armi tan-nar waqt serq". Dan kellu l-konsegwenza li s-Sur Hogben ma kienx eliġibbli sabiex jinħeles qabel ma jkun skonta 20 sena ta' detenzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li s-"sanzjoni" fis-sens

65 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 97).

66 Hija wkoll rilevanti l-ġurisprudenza tal-ex Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li kienet topera, fl-ewwel lok, qabel id-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Novembru 1998, tal-Protokoll Nru 11 tal-[KEDB], li jirristruttura l-mekkaniżmu ta' kontroll hekk stabbilit.

67 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 9 ta' Frar 1995, Welch vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1995:0209JUD001744090, punt 28); Qorti EDB, 8 ta' Ġunju 1995, Jamil vs Franza (CE:ECHR:1995:0608JUD001591789, punt 31); u 12 ta' Frar 2008, Kafkaris vs Ċipru (CE:ECHR:2008:0212JUD002190604, punt 142).

68 Jiġifieri, is-Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment tal-Intern (ir-Renju Unit).

tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB kienet dik ta' għomor priġunerija. Il-fatt li s-sistema tal-ħelsien ikkundizzjonat kienet ġiet emendata kien relatat mal-eżekuzzjoni tal-piena u mhux mas-"sanzjoni" inkwistjoni [69]. Konsegwentement, ir-rikors ġie ddikjarat inammissibbli.

69. Fid-deċiżjoni Hosein, ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomor priġunerija. Minħabba l-fatt li huwa marad matul id-detenzjoni u kellu bżonn jitqiegħed f'detenzjoni fl-isptar għall-kura, huwa ġie rrifjutat is-smigħ li seta' jwassal għall-ħelsien ikkundizzjonat tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li "l-aspettattivi fil-qasam ta' ħelsien ikkundizzjonat ma jaffettwawx is-'sanzjoni' imposta fis-sens tal-Artikolu 7 tal-[KEDB]" [70] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

70. Fis-sentenza Grava, ir-rikorrent ġie kkundannat għal sitt snin priġunerija, li l-qorti tal-appell kompetenti mbagħad naqqset għal erba' snin. Sussegwentement, huwa talab tnaqqis tal-piena, li ppermetta t-tnaqqis tal-pieni taħt ċerti kundizzjonijiet. Wara li inizjalment ġiet irrifjutata, ingħatat maħfra. F'dak il-mument, ir-rikorrent kien diġà ġie meħlus. Madankollu, iż-żmien imqatta' fil-ħabs kien qabeż it-tul li kien jagħmel kieku l-maħfra ġiet applikata fi żmien xieraq. Ir-rikorrent għalhekk sostna li t-talba għal maħfra mdewma kienet wasslet għal sanzjoni ikbar minn dik prevista mil-liġi fil-mument tar-reat tiegħu. Il-Qorti ta' Strasbourg uriet in-nuqqas ta' qbil tagħha billi ddikjarat li s-"sanzjoni" tirreferi għall-piena ta' erba' snin priġunerija. Il-kwistjoni tal-maħfra tikkonċerna l-eżekuzzjoni tal-piena u mhux il-piena nnifisha. Għaldaqstant, ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB [71].

71. Fid-deċiżjoni Uttley, persuna kkundannata għal 12-il sena ħabs setgħet tkun eliġibbli għal ħelsien bikri wara li tkun skontat żewġ terzi tal-piena tagħha, sakemm din kellha kondotta tajba [72]. Waqt li kienet fil-ħabs, ir-regoli ġew mibdula sabiex jipprevedu li l-ħelsien bikri wara t-twettiq ta' żewġ terzi tal-piena kellu jkun ikkundizzjonat. Ir-rikorrent sostna li dan ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni kien jikkostitwixxi sanzjoni ikbar minn dik imposta inizjalment. Il-Qorti ta' Strasbourg ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli, billi tenniet li l-miżura inkwistjoni ma kinitx tagħmel parti mis-sanzjoni, iżda kienet tagħmel parti mis-sistema li permezz tagħha l-ħabsin setgħu jinħelsu qabel ma jiġi skontat iż-żmien sħiħ tal-piena imposta [73].

72. Għalhekk nistgħu nikkonkludu, fil-qosor, li mill-kawżi kollha msemmija iktar 'il fuq, jirriżulta li, meta n-natura u l-għan ta' miżura jirrigwardaw il-maħfra ta' piena jew bidla fis-sistema ta' ħelsien bikri, dan ma jagħmilx parti mis-"sanzjoni" fis-sens tal-Artikolu 7 tal-KEDB.

*ii) Is-sentenza Del Río Prada vs Spanja*

73. Dan iwassalni għall-kwistjoni dwar sa liema punt l-approċċ pjuttost formalistiku tal-Qorti EDB, kif deskritt iktar 'il fuq, ġie mibdul bis-sentenza Del Río Prada vs Spanja.

[69] Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-3 ta' Marzu 1986, Hogben vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1986:0303DEC001165385, punt 4).

[70] Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Frar 1996, Hosein vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1996:0228DEC002629395, punt 1).

[71] Ara s-sentenza tal-Qorti EDB tal-10 ta' Lulju 2003, Grava vs L-Italja (CE:ECHR:2003:0710JUD004352298, punt 51).

[72] Il-ħelsien ikkundizzjonat kien ikun possibbli wara l-iskadenza ta' terz tal-piena.

[73] Ara d-deċiżjoni tal-Qorti EDB, 29 ta' Novembru 2005, Uttley vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2005:1129DEC003694603). Fuq il-livell nazzjonali, il-Court of Appeal (England & Wales) (il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales), ir-Renju Unit) iddeċidiet li l-impożizzjoni ta' kundizzjoni hija parti integrali mill-piena kollha, mhux biss forma waħda ta' amministrazzjoni tagħha. Kienet "finzjoni" li jiġi sostnut li s-sentenza ma saritx iktar iebsa, li hija r-raġuni għaliex il-qorti kkonstatat ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB. Ara [2003] EWCA Civ 1130, punti 14 u 15; disponibbli fuq: http://www2.bailii.org/ew/cases/EWCA/Civ/2003/1130.html. Madankollu, il-House of Lords biddlet id-deċiżjoni tal-Court of Appeal (England Wales) ([2004] UKHL 38, disponibbli fuq: https://publications.parliament.uk/pa/ld200304/ldjudgmt/jd040722/uttley-1.htm). Ara, fid-dettall, Douglas, H., "Article 7: no punishment without law", f'Simor, J. u Emmerson, B., *Human Rights Practice*, Sweet & Maxwell, London, 2024.

74. Fil-mument tar-reat imwettaq minn I. Del Río Prada, il-Ley Orgánica 10/1995, de 23 de noviembre, del Código Penal (il-Kodiċi Kriminali Spanjol tal-1973) kien jillimita ż-żmien massimu ta' priġunerija għal 30 sena fil-każ ta' diversi pieni. Barra minn hekk, dan il-kodiċi kriminali kien jagħti d-dritt lid-detenut għal maħfra ta' ġurnata għal kull jumejn ta' xogħol. Sussegwentement, jiġifieri, mhux biss wara t-twettiq tar-reati, iżda wkoll wara l-impożizzjoni tal-pieni, it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) applikat l-hekk imsejħa duttrina Parot, li biddlet il-kalkolu tal-maħfriet tal-pieni. Minflok ma ġew applikati għaż-żmien massimu ta' 30 sena, dawn ġew applikati għal kull piena individwali. Minn dan jirriżulta li kien *de facto* impossibbli għal I. Del Río Prada li tibbenefika minn *kwalunkwe maħfra tal-piena*. Fi kliem ieħor, il-possibbiltà ta' maħfra tal-piena tnaqqset għal żero.

75. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti EDB, komposta bħala Awla Manja[74], iddeċidiet li l-applikazzjoni tad-duttrina Parot għas-sitwazzjoni ta' I. Del Río Prada ċċaħħad minn kwalunkwe effett utli l-maħfriet tal-pieni għax-xogħol imwettaq f'detenzjoni li hija kellha dritt għalih skont il-liġi u skont id-deċiżjonijiet definittivi tal-imħallfin inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-pieni[75]. Il-Qorti EDB kompliet billi ddikjarat li l-mod li bih ġew applikati d-dispożizzjonijiet "imur lil hinn mis-sempliċi politika penitenzjarja"[76] u li, "minħabba d-'duttrina Parot", iż-żmien massimu ta' [30] sena priġunerija ma baqax piena indipendenti li għaliha ġew applikati l-maħfriet tal-pieni għal xogħol imwettaq f'detenzjoni, u minflok sar piena ta' [30] sena li għaliha effettivament ma tapplika ebda tali maħfra"[77] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

76. Dan l-aħħar element jidhirli li huwa kruċjali għall-għanijiet tal-kawża ineżami: fis-sentenza Del Río Prada vs Spanja, skont is-sitwazzjoni ġuridika l-ġdida ma kien għad baqa' ebda possibbiltà sabiex il-piena imposta tiġi mqassra. Tali ċirkustanza straordinarja kienet ekwivalenti għal definizzjoni mill-ġdid tal-portata tas-sanzjoni imposta inizjalment.

77. Jiena tal-fehma li s-sentenza Del Río Prada vs Spanja essenzjalment tikkonferma l-ġurisprudenza preċedenti, li skontha d-distinzjoni bejn l-impożizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' piena tinżamm. Madankollu, il-fatti ta' din il-kawża kienu tali li, bl-eliminazzjoni ta' kull possibbiltà ta' tnaqqis tal-piena, il-portata tas-sanzjoni inizjali kienet affettwata.

*iii) Kawżi sussegwenti għas-sentenza Del Río Prada vs Spanja*

78. Il-Qorti EDB sussegwentement applikat din is-sentenza f'għadd ta' deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà.

79. Fid-deċiżjoni Abedin, ir-rikorrent inizjalment kellu dritt għal ħelsien awtomatiku u inkundizzjonat wara li serva tliet kwarti tal-piena. Skont ir-regoli l-ġodda, li ġew adottati u li daħlu fis-seħħ wara l-kundanna tiegħu, kwalunkwe ħelsien kellu jiġi approvat minn bord tal-ħelsien ikkundizzjonat. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet baqgħu fis-seħħ sal-iskadenza tal-piena.

80. Fi kliem ieħor, bħal fil-kawża ineżami, sistema li twassal għall-ħelsien awtomatiku ġiet issostitwita b'sistema li teħtieġ l-intervent u l-approvazzjoni ta' bord tal-ħelsien ikkundizzjonat.

[74] *In casu*, il-kawża ntbagħtet lura lill-Awla Manja, fuq talba tal-Gvern Spanjol, skont l-Artikolu 43 tal-KEDB, li jfisser li dan huwa każ eċċezzjonali, li "[j]qajjem kwistjoni serja li taffettwa l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-[KEDB], jew kwistjoni serja ta' importanza ġenerali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ara l-Artikolu 43(2) tal-KEDB).

[75] Sentenza Del Río Prada vs Spanja, punt 107.

[76] Ara s-sentenza Del Río Prada vs Spanja, punt 108.

[77] Ara s-sentenza Del Río Prada vs Spanja, punt 109.

81. Il-Qorti ta' Strasbourg fakkret, l-ewwel, il-ġurisprudenza tagħha, b'mod partikolari d-deċiżjoni Uttley u s-sentenza Del Río Prada vs Spanja. Fir-rigward speċifikament ta' din tal-aħħar, din il-qorti fakkret li l-element determinanti sabiex tiġi ddeterminata l-applikabbiltà tal-Artikolu 7 tal-KEDB għal tali każ kien li jsir magħruf jekk il-bidliet introdotti kellhomx l-effett li jemendaw jew li jiddefinixxu mill-ġdid il-piena *nnifisha*[78]. Hija spjegat li, fis-sentenza Del Río Prada vs Spanja, "il-kwistjoni tal-Artikolu 7 tal-[KEDB] qamet għaliex, minflok ma applikaw maħfriet mistħoqqa għall-piena ta' [30] sena tar-rikorrent, kif kienet qabel il-prattika ġudizzjarja, l-awtoritajiet applikaw il-maħfriet mistħoqqa lir-rikorrent għall-pieni individwali, skont bidla reċenti fil-ġurisprudenza. Il-Qorti qieset li l-bidla fil-prattika fi Spanja kellha bħala effett globali, essenzjalment, li tbiddel jew tiddefinixxi mill-ġdid is-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrent minn waħda ta' [30] sena, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe maħfra mistħoqqa, għal waħda ta' [30] sena mingħajr dritt għal maħfriet"[79] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

82. Il-Qorti ta' Strasbourg sussegwentement iddeċidiet li l-istess kunsiderazzjonijiet ma kinux japplikaw għall-kawża ta' M. Abedin, li l-piena ta' 20 sena priġunerija tiegħu ma ġietx mibdula, u li kien għal din il-piena li kienu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-ħelsien bikri[80]. Il-qorti żiedet li ma kienx hemm lok li tiġi ddefinita mill-ġdid jew mibdula l-"piena" imposta fuq M. Abedin[81]. Dan wassal lil din il-qorti sabiex tikkonkludi li l-kawża ta' M. Abedin kienet tirrigwarda l-modalità ta' eżekuzzjoni tal-piena tiegħu u ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB[82]. Konsegwentement, hija ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli[83].

83. Fid-deċiżjoni Devriendt, ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomor priġunerija. Fil-mument tal-kundanna, huwa seta' japplika għall-ħelsien ikkundizzjonat wara 10 snin priġunerija. Sussegwentement, dan il-limitu ġie miżjud għal 15-il sena u kien japplika retroattivament għal każijiet bħal tiegħu.

84. Il-Qorti ta' Strasbourg iddeċidiet li l-emenda tal-leġiżlazzjoni kienet tirrigwarda l-eżekuzzjoni tal-piena. Bħal fid-deċiżjoni Abedin, hija fakkret li s-sanzjoni inkwistjoni ma kinitx ġiet mibdula mill-jum tat-twettiq tar-reat[84]. Il-Qorti ta' Strasbourg sussegwentement irrilevat li, fid-dritt Belġjan, il-ħelsien ikkundizzjonat kien metodu ta' infurzar ta' piena li ċċaħħad il-libertà li permezz tiegħu l-persuna kkundannata kienet tiskonta l-piena tagħha barra l-ħabs, suġġett għall-osservanza tal-kundizzjonijiet imposti matul perijodu ta' prova partikolari. F'dan ir-rigward, il-Qorti ta' Strasbourg iddikjarat espressament li din il-kawża kienet differenti f'dan ir-rigward mis-sitwazzjoni fis-sentenza Del Río Prada vs Spanja, fejn il-kwistjoni kienet tnaqqis tal-piena li għandha tiġi skontata u mhux sempliċi tnaqqis jew adattament tal-kundizzjonijiet ta' infurzar[85].

85. Din il-qorti mbagħad għamlet distinzjoni bejn is-sitwazzjoni ta' J. Devriendt u dik ta' I. Del Río Prada. Hija aċċettat li l-emenda leġiżlattiva tal-2013 kellha l-effett li żżid il-limitu taż-żmien ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat, li mingħajr dubju wassal għal sitwazzjoni iktar severa

78 Ara d-deċiżjoni tal-Qorti EDB, 12 ta' Novembru 2019, Abedin vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2019:1112DEC005402616, punt 33).

79 *Ibid.*, punt 35.

80 *Ibid.*, punt 36.

81 *Ibid.*

82 *Ibid.*

83 *Ibid.*, punt 37: l-ilment kien inkompatibbli *ratione materiae* mal-KEDB fis-sens tal-Artikolu 35(3)(a) tal-KEDB u kellu jiġi miċħud skont l-Artikolu 35(4) tal-KEDB.

84 Ara d-deċiżjoni tal-Qorti EDB, 31 ta' Awwissu 2021, Devriendt vs Il-Belġju (CE:ECHR:2021:0831DEC003556719, punt 24).

85 *Ibid.*, punt 26.

għad-detenzjoni tar-rikorrent, iżda rrilevat li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni fis-sentenza Del Río Prada vs Spanja, dan it-trattament iktar sever ma kellux l-effett li jirrendi impossibbli l-għoti ta' ħelsien ikkundizzjonat [86].

86. Sussegwentement hija fakkret li kien diġà ġie deċiż li l-fatt li żieda wara l-kundanna tal-limitu ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat setgħet twassal għal sitwazzjoni iktar severa f'detenzjoni kien jikkonċerna l-infurzar tal-piena u mhux il-piena nnifisha u li, konsegwentement, ma setax jiġi dedott minn tali ċirkustanza li l-piena imposta tkun iktar severa minn dik mogħtija mill-imħallef li ta s-sentenza [87].

87. Sussegwentement, il-Qorti EDB ikkonkludiet li l-kawża ta' J. Devriendt kienet tikkonċerna biss il-modalità kif il-piena kienet ġiet skontata u ma kellha ebda effett fuq il-portata tal-piena, li baqgħet l-istess [88]. Konsegwentement, hija ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli [89].

88. Is-sentenza Del Río Prada vs Spanja hija sentenza tal-Awla Manja, li ġġorr magħha l-awtorità naturali assoċjata mal-kulleġġ l-iktar solenni tal-Qorti EDB. Id-deċiżjonijiet f'Abedin u f'Devriendt huma deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà tal-kumitat [90]. Din id-differenza fil-kulleġġi hija madankollu irrilevanti fil-kuntest ineżami, peress li ż-żewġ kulleġġi formalment jorbtu lill-Qorti EDB bl-istess mod. Jekk xejn, għandha tittieħed bħala indikazzjoni li, għall-Qorti ta' Strasbourg, il-kwistjoni kienet tant ċara fid-deċiżjonijiet f'Abedin u f'Devriendt li hija ddeċidiet li tafdahom lil kumitat [91].

*2) Applikazzjoni għall-kawża ineżami*

*i) Dewmien tal-limitu ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat*

89. Id-dewmien tal-limitu ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat ma jidhirx, waħdu, skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Alchaster, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta [92]. Nistgħu nibbażaw ruħna fuq is-sentenza Del Río Prada vs Spanja u fuq id-deċiżjoni Devriendt fis-sens li l-Qorti ta' Strasbourg tiddikjara b'mod ċar ħafna li dewmien fil-limitu ta' eliġibbiltà għall-ħelsien ikkundizzjonat jaqa' taħt l-eżekuzzjoni ta' piena u, għaldaqstant, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

*ii) Ħelsien ikkundizzjonat skont l-evalwazzjoni tal-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat*

90. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, essenzjalment, fil-kawża Alchaster, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta jkopri potenzjalment sitwazzjoni li fiha l-miżura inkwistjoni tħassar essenzjalment il-possibbiltà ta' ħelsien ikkundizzjonat jew tagħmel parti minn sensiela ta' miżuri li għandhom l-effett li jżidu l-gravità intrinsika tal-piena inizjalment prevista [93].

86 *Ibid.*, punt 28.

87 *Ibid.*, punt 29.

88 *Ibid.*, punt 30.

89 *Ibid.*, punt 34: ġie deċiż li l-ilment kien inkompatibbli *ratione materiae* mal-KEDB fis-sens tal-Artikolu 35(3)(a) tal-KEDB u ġie miċħud skont l-Artikolu 35(4) tal-KEDB.

90 Il-kumitati huma komposti *inter alia* minn tliet imħallfin, ara l-Artikolu 26(1) tal-KEDB u r-Regola 27 tar-Regoli tal-Qorti EDB.

91 Tali deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà ġew deskritti bħala "ġurisprudenza negattiva", li s-sinjifikat tagħha hija li "huwa inutli li wieħed iressaq ilmenti oħra komparabbli fi Strasbourg, tal-inqas fil-futur prevedibbli" [traduzzjoni libera], ara Myjer, E., u Kempees, P., 'Thoughts on the positive impact of negative case-law', in *El Tribunal Europeo de Derechos Humano. Una visión desde dentro. En homenaje al juez Josep Casadevall*, Tirant Lo Blanch, Valencia, 2015, p. 343 sa 356, f'p. 352.

92 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 97).

93 Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 97).

91. It-tħassir sħiħ tal-possibbiltà ta' ħelsien ikkundizzjonat jista' jiġi eskluż fil-kawża ineżami, peress li, kif ikkonferma r-Renju Unit waqt is-seduta, waqt li tkun qiegħda tiġi skontata l-aħħar sena tal-piena, il-persuna inkwistjoni *dejjem* tinħeles, suġġetta għal kundizzjoni. Huwa għalhekk li nikkunsidra li s-sitwazzjoni fil-kawża ineżami ma hijiex paragunabbli ma' dik fis-sentenza Del Río Prada vs Spanja.

92. Il-kwistjoni dwar jekk għandniex quddiemna *sensiela* ta' miżuri li għandhom l-effett li jżidu l-gravità intrinsika tal-piena inizjalment prevista hija, fil-fehma tiegħi, iktar delikata u, għaldaqstant, diffiċli li tiġi mwieġba.

93. Kif indikat il-qorti tar-rinviju [94], b'riferiment għal sentenza rilevanti tas-Supreme Court of the United Kingdom [95], l-għan iddikjarat tal-emenda huwa li jiġi protett il-pubbliku billi jintemm il-ħelsien bikri u awtomatiku ta' terroristi li jkunu wettqu r-reat u billi jiġi mdewwem l-iktar mument bikri li fih dawn il-persuni li jkunu wettqu r-reat ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għall-ħelsien.

94. Jiena konxju ħafna li din hija l-allegata intenzjoni tal-leġiżlatur. B'mod partikolari, il-fatt li l-emenda inkwistjoni tirrigwarda speċifikament lit-terroristi li jkunu wettqu r-reat permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' ħelsien ikkundizzjonat għal reati terroristiċi speċifiċi jista' jiġi interpretat bħala indikazzjoni li, fir-realtà, l-intenzjoni kienet li s-sanzjoni ta' tali reati tiġi miżjuda. Wieħed jista' jistaqsi wkoll jekk, b'mod ġenerali, id-deċiżjoni li ċerti kategoriji ta' persuni li jkunu wettqu r-reat jiġu mċaħħda minn ħelsien bikri verament tirreferix għall-kwistjoni teknika tal-eżekuzzjoni iktar milli tiddefinixxi mill-ġdid is-sanzjoni nnifisha. Jew, fi kliem ieħor, kif qalet il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell) fis-sentenza Uttley – li huwa minnu li ġiet invalidata mill-House of Lords – huwa "fittizju" li jiġi sostnut li l-piena ma saritx iktar iebsa [96].

95. Madankollu, ma narax kif din l-intenzjoni leġiżlattiva, jekk ikun il-każ, tista' tqiegħed fid-dubju, fir-rigward tal-kawża ineżami, il-prinċipju fundamentali li s-sanzjoni bħala tali ma nbidlitx. Għandu jingħad ukoll li, diġà fid-deċiżjoni Hogben, l-għan iddikjarat tal-miżura kien li jiġu mmirati ċerti kategoriji ta' reati [97]. Madankollu, il-Kummissjoni ta' Strasbourg ma dehritx li kellha problema b'din il-kunsiderazzjoni [98].

96. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' evalwazzjoni tal-perikolu potenzjali ta' individwu għall-pubbliku jidhirli li taqa' fil-kuntest tal-politika tal-ħabsijiet. Bħala eżempju, il-kwistjoni ewlenija hija jekk, wara li jkun skonta parti sostanzjali ta' piena fil-ħabs, individwu jkunx idoneu sabiex jitlaq mill-ħabs f'mument partikolari. Jekk il-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat jaslu għall-konklużjoni li l-individwu ma jirrappreżentax perikolu għall-pubbliku *f'dak il-mument* u għandu jiskonta parti itwal minn piena ġewwa l-ħabs, ma narax kif dan jaffettwa l-gravità intrinsika tal-piena inizjalment prevista. Is-sentenza bħala tali ma tinbidilx; huwa l-individwu li għandu jaġixxi kif xieraq u juri lill-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat li huwa idoneu

94 Ara l-punt 21 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

95 Ara s-sentenza tas-Supreme Court of the United Kingdom tad-19 ta' April 2023, Morgan *et* vs Ministry of Justice, [2023] UKSC 14, [2024] AC 130, punt 69, disponibbli fuq https://www.supremecourt.uk/cases/uksc-2022-0056.

96 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 70 iktar 'il fuq.

97 *In casu*, l-omiċidji ta' uffiċjali tal-pulizija jew tal-ħabs, omiċidji terroristiċi, omiċidji sesswali jew sadistiċi tat-tfal u omiċidji b'armi tan-nar waqt serq; ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-3 ta' Marzu 1986, Hogben vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1986:0303DEC001165385, punt 4).

98 *Ibid.*

sabiex jitlaq *f'dak il-mument*. Fil-fehma tiegħi, dan huwa totalment disassoċjat mill-piena imposta. Din hija prattikament il-politika tradizzjonali tal-ħabsijiet. Il-fatt li ċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna tkompli hija konsegwenza ta' dan.

97. Nixtieq nenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punt preċedenti jippreżupponu assolutament li l-ġurisdizzjoni tal-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat hija limitata għall-kwistjoni dwar jekk il-persuna kkonċernata tikkostitwixxix theddida għall-pubbliku f'mument partikolari, li l-evalwazzjoni ssir b'mod iddettaljat skont protokoll determinat u li din tkun debitament iddokumentata. Lil hinn minn dan, il-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat ma għandhomx ikunu jistgħu jagħmlu użu minn setgħa diskrezzjonali oħra.

98. Jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, inqis li l-miżuri emendati jirreferu għall-eżekuzzjoni ta' piena. Dawn ma jaffettwawx in-natura intrinsika tal-piena inizjalment prevista u, għaldaqstant, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB analizzata iktar 'il fuq, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

99. Dan iħallina bil-kwistjoni dwar jekk, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża ineżami, l-Artikolu 49(1) tal-Karta jipprevedix jew għandux jipprevedi protezzjoni iktar wiesgħa mill-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

*iii) Fuq l-Artikolu 52(3) tal-Karta*

100. Bis-saħħa tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, sa fejn il-Karta tinkludi drittijiet li jikkorrispondu mad-drittijiet protetti mill-KEDB, is-sens u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huma l-istess bħal dawk stabbiliti mill-KEDB. Għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 52(3) tal-Karta jinkludi garanzija u mhux sempliċi fakultà għall-Unjoni li tiżgura li ma jiġux ippreġudikati s-sens u l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet korrispondenti taħt il-KEDB[99]. Fl-istess ħin, din id-dispożizzjoni tippreċiża li dan ma jipprekludix lid-dritt tal-Unjoni milli jagħti protezzjoni iktar estensiva.

101. Madankollu, ma nara l-ebda raġuni għalfejn għandu jitqies li dan għandu jkun il-każ. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 tal-Karta jinkludi, tal-inqas, l-istess garanziji bħal dawk previsti fl-Artikolu 7 tal-KEDB, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta bħala limitu minimu ta' protezzjoni[100]. Madankollu, din id-dikjarazzjoni, waħedha, sempliċement tafferma l-formulazzjoni tal-Artikolu 52(3) tal-Karta[101].

102. Kif irrilevat il-Kummissjoni, ma jidher li hemm ebda tradizzjoni kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri li skontha l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta huwa jew għandu jkun usa' minn dak tal-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

103. Lanqas ma nara aspetti speċifiċi għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li jiġġustifikaw protezzjoni iktar wiesgħa. Jista' jkun hemm oqsma tad-dritt li għalihom l-Unjoni għandha raġunijiet tajbin sabiex tipprevedi iktar protezzjoni milli fil-kuntest tad-dritt korrispondenti tal-KEDB. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Wieħed għandu jfakkar it-tensjoni intrinsika u naturali bejn l-invokazzjoni potenzjali tal-Artikolu 49 tal-Karta u l-livell għoli ta'

[99] Ara Callewaert, J., "L'adhésion de l'Union européenne à la Convention européenne des droits de l'homme: une réponse logique à l'optionalité de la Convention européenne des droits de l'homme en droit de l'Union européenne", in *Revue trimestrielle des Droits de l'Homme*, Vol. 36, Nru 141, 2025, p. 9 sa 29, f'p. 12.

[100] Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[101] L-Artikolu 52(3) tal-Karta ma jipprekludix li d-dritt tal-Unjoni jagħti protezzjoni iktar estensiva mill-KEDB.

fiduċja (għalkemm mhux fiduċja reċiproka[102]) li għad hemm bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali[103]. F'sitwazzjoni bħal din, il-bilanċ delikat bejn dawn iż-żewġ prinċipji jintlaħaq l-iktar permezz ta' livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jkun allinjat ma' dak tal-KEDB. Hawnhekk nista' naqbel, għal darba oħra, ma' Lord Bingham, illum deċedut, meta ddikjara li "t-tifsira tal-[KEDB] għandha tkun uniformi fl-[Istati] kollha li huma parti għaliha. Id-dmir tal-qrati nazzjonali huwa li jżommu ruħhom aġġornati mal-ġurisprudenza ta' Strasbourg hi u tevolvi matul iż-żmien: mhux iktar iżda ċertament mhux inqas.[104]" L-istess għandu japplika għall-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża ineżami.

*3) Rimarki finali*

104. Nixtieq nagħlaq dawn il-konklużjonijiet b'żewġ rimarki finali, li fl-ispirtu tagħhom il-qorti tar-rinviju għandha twettaq l-evalwazzjoni tagħha.

105. L-ewwel, il-kawża ineżami hija limitata għall-garanziji previsti fl-Artikolu 7(1) tal-KEDB u fl-Artikolu 49 tal-Karta. Kif intwera f'dawn il-konklużjonijiet, il-miżuri li jirregolaw l-eżekuzzjoni ta' piena ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu skrutinizzati skont l-Artikolu 7(1) tal-KEDB. Madankollu, wieħed ma għandux jinsa li l-ħabsin ikomplu jibbenefikaw minn firxa sħiħa ta' drittijiet fundamentali oħra, bħad-dritt tal-vot previst fl-Artikolu 3 tal-(ewwel) Protokoll għall-[KEDB] jew ċerti drittijiet li jinsabu fil-garanzija għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-korrispondenza prevista fl-Artikolu 8 tal-KEDB[105], sabiex insemmi biss żewġ eżempji.

106. Fit-tieni u fl-aħħar lok, nixtieq nenfasizza għal darba oħra li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tapplika l-interpretazzjoni proposta għall-kawża li għandha quddiemha u li hija għandha, fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju, tagħmel dak kollu li huwa fis-setgħa tagħha sabiex teżamina jekk il-miżuri inkwistjoni, ikklassifikati bħala "politika tal-ħabsijiet" mir-Renju Unit, jikkostitwixxux effettivament politika li tirregola biss l-eżekuzzjoni ta' piena.

## VI. Konklużjoni

107. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda):

It-tieni sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "piena akbar" li jinsab f'din id-dispożizzjoni ma jkoprix, bħala prinċipju, sitwazzjoni fejn id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw sistema ta' ħelsien ikkundizzjonat jkunu ġew emendati sabiex jipprevedu li dritt awtomatiku għall-ħelsien ikkundizzjonat, ladarba l-ewwel nofs ta' piena imposta tkun ġiet skontata, ikun ġie ssostitwit bi dritt għall-ħelsien ladarba mill-inqas żewġ terzi tal-piena imposta jkunu ġew skontati, meta dan il-ħelsien ikun suġġett għal evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissarji għall-Ħelsien Ikkundizzjonat.

[102] Nifhem li l-Qorti tal-Ġustizzja tuża l-prinċipju ta' fiduċja *reċiproka* sabiex tirreferi għar-relazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni biss; ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-kuntrarju, inqis li l-livell ta' fiduċja bejn l-Unjoni u r-Renju Unit huwa kunsiderevolment ogħla minn dak mal-parti l-kbira tal-Istati terzi l-oħra.

[103] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar f'Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:559).

[104] Ara *Regina* vs Special Adjudicator (Intimat) ex parte Ullah (FC) (Appellant), [2004] UKHL 26, punt 20, disponibbli fuq: https://publications.parliament.uk/pa/ld200304/ldjudgmt/jd040617/ullah-1.htm.

[105] Ara, fid-dettall, Padfield, N., "Article 8 and the rehabilitation of offenders: a view from Cambridge, England", f'Casadevall, J. u Raimondi, G. *et al.*, *Liber amicorum Dean Spielmann*, Wolf Legal Publishers, Oisterwijk, 2015, p. 457 sa 464.